MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 58/2002/1

**Bartolomea Shanshani u b' digriet ta' l-24 ta' April 2006 il-kunjom Shanshani qed jigi sostitwit b' "Shoushani"**

**vs**

**Atillia Attard**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Frar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attrici s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) kif hawn taht spjegat.

Illi l-konvenuta kienet iddepositat is-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) biex bin l-attrici Christopher Shanshani u b’digriet tal-24 ta’ April 2006 il-kunjom Shanshani qed jigi sostitwit b’”Shoushani” jibbenifika mill-liberta provisorja fi proceduri kriminali li kien hemm pendenti kontra tieghu.

Illi waqt dawn il-proceduri kriminali l-attrici hallset din is-somma lill-konvenuta bl-intendiment illi meta tigi deciza l-kawza kriminali l-ammont depositat jigi zbankat u moghti lill-attrici.

Illi dan nonostante, meta giet deciza l-kawza kriminali msemmija l-konvenuta irrifjutat u qed tirrifjuta li thallas lill-attrici s-somma msemmija.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 54/02 u bl-imghax u l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 7 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba tal-atrici ghandha tigi michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress lilli l-eccipjenti ma’ ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attrici u l-flus depositati bhala kundizzjoni ghal ghoti mill-helsien minn l-arrest ta’ Christopher Shoushani, fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Christoppher Shoushani” quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera sar minn l-esponenti u mhux minn l-attrici.
2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suesuppost l-esponenti ser tipprocedi ghal izbank tac-cedola ta’ depozitu fil-kawza kriminali hawn fuq imsemmija u dana peress li l-ammont ta’ elfejn lira (Lm2,000) jappartjeni lill-esponenti kwantu ghal ammonti ta’ flus li l-eccipjenti kienet selfet lill-Christopher Shoushani kif ser jirrizulta mill-provi.
3. Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandha tghati ebda flus lill-attrici.

4. Salv eccezzjonjiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici fix-xhieda taghha (fol 11 u fol 30 et seq ibid) spjegat illi binha Christopher Shoushani, kien ghaddej minn proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u sabiex jinghata l-beneficcju ta’ helsien mill-arrest, kellu jsir depositu fil-Qorti ammontanti ghal Lm2000. Originarjament dan id-depositu kien gie effettwat mill-konvenuta, li fiz-zmien in kwistjoni, kienet il-konviventi tal-istess binha. Pero’ sussegwentement jidher li din ir-relazzjoni kienet giet terminata “ghax iggieldu” u, ghalhekk, il-konvenuta xtaqet tisbanka l-ammont depositat minnha. Konsegwentement, l-istess binha, sabiex jevita li jerga jigi arrestat kien talab lill-ommu, l-attrici, u talabha somma ammontanti ghal Lm2000. Hi, sabiex tottjeniha, kienet rahanet id-deheb taghha u l-istess somma kienet inghatat lill-binha u, presenti hu stess, dan kien ikkonsenja l-istess flus lill-Avukat difensur tal-konvenuta. Dwar dan l-inkontru hi semmiet li kien presenti ukoll l-Avukat Dottor Joseph Giglio izda ma kienetx hemm presenti l-konvenuta. Dwar jekk l-istess flus kienux inghataw lill-konvenuta o meno, hi, testwalment qalet “… pero naf li hadithom. Hawnhekk nghid li issa ma nafx il-flus x’sar minnhom”. Sussegwentement hi qalet ukoll “In oltre nghid li Atillia Attard hadet il-flus …. Ghax kieku ma tajthomliex, ma kienetx thallini fil-paci”. Hi kompliet tghid li kienet ipprovat tisbanka l-flus, originarjament depositati mill-konvenuta fuq isem din, meta, finalment kienu gew terminati l-proceduri kontra binha u dan “sabiex nithallas”. Pero, ma setghetx tiftiehem mal-konvenuta dwar dan u, ghalhekk, l-istess ammont ghadu depositat f’isem il-konvenuta.

Illi <u>Christopher Shoushani</u> (fol 17et seq ibid) meta gie prodott semma' illi waqt il-laqgha imsemmija fix-xhieda tal-attrici, ommu, il-flus migbura minn din "… nghataw lill-avukati u sar skambju tal-flus bejn l-avukati". Xorta wahda "l-bail" baqa' jghajjat fuq Atillia Attard" li "qatt ma irtirat dawn il-flus depositati". Hawnhekk ix-xhud ghal xi raguni, semma', testwalment "Da parti taghha, l-konvenuta ma kellha taghtina xejn. Atillia Attard, filfatt, ma kellha taghtina l-ebda karta". Hu kkonkluda billi qal "… ma nafx x'gara ……".

Illi gie prodott <u>Dottor Joseph Giglio</u> (fol 20 et seq ibid) ili kien wiehed mill-avukati difensuri tax-xhud precedenti. Dan, difatti, kien inghata l-imsemmi beneficcju b'depositu ta' elf lira Maltin(Lm1000), lie gie effettwat "mit-tfajla tieghu" cjoe l-konvenuta Atillia Attard. Minhabba diffikoltajiet li kienu inqalghu bejniethom, il-konvenuta setghet tirtira il-flus depostitati u bin l-attrici seta' jigi arrestat mill-gdid. Ghalhekk l-attrici kienet offriet li hi stess thallas l-istess ammont lill-konvenuta. Ghalhekk kien sar l-inkontru fil-Qorti u hawnhekk, l-ammont imsemmi kien inghata lill-Avukat ta' Atillia Attard.

Inoltre l-istess konvenuta kienet tat <u>l-awtorizzazzjoni</u>, permezz ta' prokura miktuba fuq "foolscap", lill-attrici jew lill-binha sabiex din "… tigbed il-flus mill-Qorti. Mal-istess prokura, il-konvenuta kienet tat lill-attrici, <u>l-ircevuta </u>relattiva ghall-istess depositu, originarjament maghmul mill-istess konvenuta. Konsegwentement ix-xhud spjega illi, meta kien gie deciz, finalment il-kaz kriminali kontra binha, l-attrici odjerna setghet, permezz taz-zewg dokumenti msemmija, tisbanka l-ammont ta' Lm1000 depositati mill-konvenuta. Fl-ahharnett ghandu inghad illi dan ix-xhud ma kienx cert dwar, jekk il-konvenuta kienetx presenti ghal dan l-inkontru. Difatti il-flus kontanti kienu inghataw, fl-istess inkontru, lill-Avukat tal-

konvenuta odjerna sabiex jghaddilhom lill-istess konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, meta xehdet (fol 23 et seq ibid) spjegat illi hi u Christopher Shoushani kellhom tarbija mill-istess relazzjoni u wara li huma kienu di gja mifrudin kienet silfet lill-attrici s-somma ta' Lm2000, liema flus flimkien ma Lm500, ghad-difisa ta' Christopher Shoushani, kienet tathom lill-Avukat difensur ta' dan. Eventwlament, hi kienet hasbet illi Christopher Shoushani ma kienx qed jottempra ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu meta kein inghata l-imsemmi beneficcju u ghalhekk kien hemm riskju li l-istess flus depositati minnha u fuq ismha, setghu jghaddu favur il-Gvern.

Minhabba hekk hi kienet informat lill-Christopher Shoushani illi kienet intenzjonata li tizbanka mill-Qorti, il-flus in kwistjoni. Pero kienet saret laqgha fil-Qorti, presenti hi u l-avukati difensuri taghha u ta' Christopher Shoushani u f'dan l-inkontru, hi kienet irceviet Lm2000 u rilaxxat ircevuta. Inoltre skond hu, hi kienet iffirmat skrittura ohra li, permezz taghha, hi "ftehemet ("geghluni niffirma") "… li l-elfejn lira Maltin (Lm2000) depositati l-Qorti ma kellhomx x'jaqsmu mad-dejn l-iehor li kellu Chris mieghi" kif spjegat fix-xhieda taghha. In kontro esami, hi qalet "Fil-fatt il-flus, li kienu l-Qorti, hadilhom lura "Izda, imbaghad, hi sostniet li ".. .dak l-ammont li jiena ddepozitajt il-Qorti bhala "bail" ghal Chris, ghadu hemm "Inotlre b'certa incertezza, hi qalet ukoll illi "Jien lill-Avukati kont taghthom l-ircevuta rilaxxxata fuq ismi mill-Qorti ….".

Ikkunsidrat

Illi dawn huma l-provi kollha li ingiebu a konjizzjoni ta‘ din il-Qorti in sostenn tat-talba attrici u tal-eccezzjoijiet sottomessi mill-konvenuta.

Illi mill-provi jirrisulta, b’mod car, illi l-konvenuta, hallset minn butha ammont ta’ flus sabiex dan jintuza ghall-otteniment tal-beneficcju imsemmi da parti ta’ Christopher Shoushani. Pero, kif jidher mix-xhieda li nstemghu ma hemmx certezza dwar kemm kien effettivament, l-ammont hekk depostati. Dwar dan, jigi notat illi ma gie esebit, f’dawn il-procedura, l-ebda dokument sabiex jigi kjarifikat dan il-punt.

Illi, dwar l-inkontru li nzamm f’wahda mill-awli tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), hemm certi punti li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma humiex cari. Difatti ma hemmx qbil dwar minn seta’ kien presenti ghal dan l-inkontru. Difatti l-attrici xehdet illi kienu presenti hi, l-avukat ta’ binha u l-avukat tal-konvenuta u l-flus li ghaddew f’din il-laqgha kienu nghataw lill-avukat tal-konvenuta li skond hi ma kienetx presenti. Dwar dan il-punt il-konvenuta ssostni li effettivament hi kienet presenti waqt li bin l-attrici, li skond hu kien ukoll, presenti jsostni dak li xehdet ommu fuq dan il-punt. In rigward Dottor Joseph Giglio, dan, ukoll jsostni li l-istess flus kienu nghataw lill-Avukat tal-konvenuta.

Illi jissemma mix-xhieda li xehdu dwar l-istess inkontru, illi, fih, gew iffirmati diversi dokumenti fosthom prokura li permezz taghha l-attrici kienet giet awtorizzata sabiex tisbanka l-flus, depositati mill-attrici oltre li din inghatat l-ircevuta rilaxxata mill-Qorti. Anke dwar dan, pero’, l-ebda wiehed mid-dokumenti ma ngieb a konjizzjoni ta’ din il-Qorti. Inoltre jigi sottolineat illi l-attrici, ghal xi raguni mhix cara, ma kienetx uzat dawn id-dokumenti sabiex tisbanka l-istess flus.

Illi, b’referenza ghat-talba in esami, fid-dawl ta’ dak li ghadu kemm intqal, ma jistax jinghad illi l-

konvenuta irrifjutat lill-attrici li thallas is-somma in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi b'referenza ghall-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuta, din l-Qorti, certament ma tistax tara jekk hemm flus dovuti lill-konvenuta da parti ta' Christopher Shoushani, li lanqas ma hu parti f'din il-kawza u jekk il-konvenuta tippretendi li hi kreditrici tal-istess Shoushani, ghandha tipprocedi "per azione" kontra tieghu.

Illi, inoltre, meta gie tenut l-imsemmi inkontru jista', forsi, jigi ritenut illi dan ikkrea relazzjoni kemm guridika kemm ta' fatt bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak premess, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta tenut kont tal-<u>mankanzi gravi</u> kif hawn fuq gew premessi kif ukoll minhabba li ma irrisultax illi l-konvenuta irrifjutat li tikkoopera mal-attrici u binha sabiex jistghu jigu rtirati l-flus depositati mill-istess konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tordna li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Minn din id-decizjoni appellat l-attrici. Il-kwestjoni sottoposta lil din il-Qorti b' motiv ta' aggravju tas-sentenza hi dik li l-Qorti inferjuri ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u allura issa din il-Qorti ghandha tissostitwixxi l-valutazzjoni tal-materjal probatorju hekk maghmula b' dik taghha;

Hu principju ben radikat illi l-valutazzjoni tal-provi tattjeni ruhha ghal kompitu esklussiv tal-Qorti adita fil-mertu. Tali kompitu jinvolvi l-ezami tal-provi prodotti u l-gudizzju fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` tax-xhieda ritenuta l-aktar idoneja biex issostni l-motivazzjoni. Ezercizzju dan ta' l-apprezzament diskrezzjonali tal-fatti rizervat lill-ewwel Qorti u mhux deducibbli f' din is-sede ta' l-appell jekk mhux fil-limitu ta' dak bosta drabi enuncjat mill-Qrati, u cjoe, fejn ikunu jirrizultaw cirkustanzi li juru bic-car illi tali apprezzament kien manifestament zbaljat u li allura, jekk tigi konfermata s-sentenza appellata, tkun ser tigi kjarament kommessa ingustizzja. Ara fost hafna ohrajn is-sentenzi fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- John C. Couper *et nomine***", Appell, 25 ta' Gunju, 1999 u "**Grazio Patiniott -vs- Anthony Cini**", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001;

Dan premess, l-ewwel dover ta' Qorti ta' revizjoni hu dak ta' l-interpretazzjoni tas-sentenza appellata. Fil-kaz prezenti jirrizulta illi l-ewwel Qorti rreteniet illi kienu jezistu mankanzi jew insufficjenzi fil-produzzjoni tal-provi da parti ta' l-attrici appellanti ghas-sostenn tal-fatt kostitutiv tat-talba taghha u tal-premessi ghaliha. In partikulari, dik fejn jinghad illi l-konvenuta appellata rrifjutat u qed tirrifjuta li thallas lill-attrici s-somma reklamata;

Mill-konsiderandi tas-sentenza jirrizulta kjarament illi dak il-konvinciment fil-Qorti ta' l-ewwel grad hu bazat sostanzjalment fuq l-incertezza ta' l-ammont depozitat, min kien prezenti ghall-inkontru mizmum f' wahda mill-awli tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-fatt oggettiv tan-nuqqas ta' produzzjoni tad-dokumenti li jissemmew mix-xhieda. Huwa bil-wisq ovvju illi dan kollu gie mill-ewwel Qorti konsiderat bhala ostatattiv ghar-raggungiment ta' dik ic-certezza necessarja ghal liema kull gudikant jaspira. Ara **Kollez. Vol. XXXVI P I p 369** u **Vol. XXXVII P I p 525**. Indubbjament, huma dawn il-mankanzi ghal skop tac-certezza appena accennati li jidhru mis-sentenza appellata li vverberaw f' dannu ghall-attrici, hekk

mghobbija bl-oneru tal-prova, u li inducew lill-ewwel Qorti tirrigetta d-domanda kif, mill-istess attrici, proposta;

In bazi ghall-istess provi jew ta' l-insufficjenza taghhom, l-appellanti tippretendi li jezisti vizzju tal-konsiderazzjonijiet maghmula billi tikkontendi li l-ewwel Qorti ommettiet li taprezza kif jixraq il-provi prodotti. Senjatament, skond l-appellanti, il-fatt li ntilfu r-ricevuta tal-plegg u l-prokura;

Il-Qorti rriezaminat ir-rizultanzi istruttorji tal-kawza u minnhom tista' tiddeduci dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Riferibilment, ghas-somma depozitata bhala "*bail*" fl-okkazjoni li iben l-attrici kien akkuzat b' reat kriminali jidher li din, fil-verita, kienet ta' elfejn lira (Lm2000) u mhux ukoll ta' elf lira (Lm1000), kif dikjarat mill-Avukat Joseph Giglio (fol. 20). Li dan huwa hekk, jinsab sahansitra ammess mill-konvenuta nnifisha fid-deposizzjoni taghha a fol. 24;

(2) Mhux importanti daqstant, fil-fehma tal-Qorti min kien, jew ma kienx, prezenti ghall-inkontru. Dak li hu aktar vitali hu l-fatt illi meta l-ekwivalenti tas-somma depozitata bhala plegg ghaddiet ghand il-konvenuta tramite l-Avukat taghha, din irrilaxxjat kemm ir-ricevuta tal-Qorti relattiva ghad-depozitu tal-plegg intestata f' isimha, kif ukoll prokura biex l-attrici setghet permezz ta' dawn iz-zewg dokumenti eventwalment tizbanka s-somma hekk depozitata. Ara xhieda ta' l-Avukat Giglio. Jigi notat illi l-appellata ma tirreferix ukoll ghall-prokura imma ghall-iskrittura li, skond hi, "geghluni niffirma li l-elfejn lira depozitati l-Qorti ma kellhomx x' jaqsmu mad-dejn l-iehor li kellu Chris mieghi" u allura "avolja kelli niehu xi flus minghand Chris ma stajtx nehodhom mill-flus depozitati l-Qorti". Ara xhieda tal-konvenuta (fol. 26);

(3) Minn imkien mill-provi prodotti ma jezisti minimu accenn illi l-imsemmija ricevuta jew prokura jew skrittura ntilfu. Konsegwentement, dak sottomess mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha hi mera asserzjoni

gratuwita li ma ssib ebda riskontru mill-provi attendibbli. Certament, minn imkien mix-xhieda ta’ l-attrici (fol. 11 u fol. 30);

(4) *Rebus sic stantibus*, jassumi riljev ghal fini tal-konvinciment il-fatt tan-nuqqas tal-produzzjoni tad-dokumenti. Dan ghaliex tali nuqqas specjalment meta meqjus fil-konkors ta’ elementi ohra oggettivi tal-provi, ma jistax iwassal biex tigi suffragata l-premessa illi l-konvenuta rrifjutat, jew qeghda tirrifjuta, li tikkopera ghall-irtirar tas-somma depozitata bhala plegg. Somma din li, kif jirrizulta mill-provi, ghadha, tutt’ ora, taht l-awtorita` tal-Qorti;

(5) Jikkonsegwi mill-osservazzjonijiet hawn maghmula illi c-censura ta’ l-attrici sokkombenti fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata ma tistax titqies fondata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------